MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 259/2007

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Jonathan Scifo Diamantino u Julian Grenville Cleave**

**Vs**

**Dr Mark Busuttil nominat kuraturi deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Clause Königs skond digriet tat-18 ta' Ottubru 2007.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm2663.89c rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' danni subiti fil-bastiment MY Comanche Raider fil-kollizzjoni li sehhet fit-18 ta' Ottubru 2005 ghal ragunijiet totalment imputabbli lill-konvenut li kien qed jidderigi l-bastiment MY Pomfrizz liema danni fil-fatt kienu

jissuperaw l-ammont mitlub u li gew kompensati mis-socjeta’ attrici izda parti biss gew imhallsa mill-istess konvenut.

L-ispejjez kontra l-konvenut u bl-interessi b’effett mit-18 ta’ Ottubru 2005 liema konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet moghti fit-18 ta’ Ottubru 2007 a fol 2 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat nominat (a fol 8 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi l-esponent m’huwiex edott mill-fatti u ghalhekk qed jirrizerva d-dritt li jipprezenta risposta motivata f’stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet/risposta ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti b’nota mill-konvenut nomine a fol 13 sa fol 16 tal-atti kif ukoll l-‘affidavit’ sottomess mill-konvenut nomine a fol 18 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti, il-konvenut nomine ma kienx f’posizzjoni li jipprudici xi prova f’isem Klause Königs u dan avolja ghamel tenattivi sabiex jikkominuka ma’ din il-persuna.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta’ attrici nomine gew prodotti diversi xhieda u dokumenti in sostenn tat-talba in esami (ara fol 20, fol 30, fol 56 u fol 70, fol 98, fol 122 u fol 134 et seq ibid). Minn dawn jirrisulta illi dak mitlub mir-rikors in esami gie pjenament pruvat a sodisfazzojni tal-istess Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ‘nomine’ sabiex jhallas lill-istess

socjeta’ attrici ossija rikorrenti s-somma ta’ Lm2663.89c ossija €6205.19 bl-imghax legali mit-18 ta’ Ottubru 2005 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------